DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 52/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness V (Moviment liberu tal-ħaddiema) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [1].

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [2] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 2 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68) tal-Anness V tal-Ftehim għandu jinbidel b'li ġej:

"**32011 R 0492**: ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 36(1) m'għandux japplika.

(b) Fl-Artikolu 36(2), ir-referenza għall-Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tinbidel bir-referenza għall-Artikolu 29 ta' dan il-Ftehim.".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 124, 8.5.2008, p. 20.
[2] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.